

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

C 77



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

1 ta' Marzu 2018

Werrej

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 77/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8803 — Michelin/Sumitomo/JV) <sup>(1)</sup> .....	1
2018/C 77/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8665 — Discovery/Scripps) <sup>(1)</sup> .....	1

### III *Atti preparatorji*

#### **Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2018/C 77/03	Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-2 ta' Jannar 2018 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar għaxar atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (CON/2018/1) ...	2
--------------	--	---

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 77/04	Rata tal-kambju tal-euro .....	5
--------------	--------------------------------	---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2018/C 77/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8806 — Richemont/Yoox Net-a-Porter Group) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	6
2018/C 77/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8821 — Advent International/Circet Groupe) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....	8

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.8803 — Michelin/Sumitomo/JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 77/01)

Fit-23 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazżjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazżjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8803. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.8665 — Discovery/Scripps)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 77/02)

Fis-6 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazżjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazżjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32018M8665. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## III

(Atti preparatorji)

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' Jannar 2018

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar għaxar atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju

(CON/2018/1)

(2018/C 77/03)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fl-24 ta' Marzu 2017 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tan-negozju, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 u li jħassar għaxar atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju<sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi r-regolament propost jikkonċerna l-għbir tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti (BOP) li huwa komputu tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98<sup>(2)</sup>, rilevanti għall-kompiti bażiċi tas-SEBĊ għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja, it-tweqqif ta' operazzjonijiet ta' kambju barrani u ż-żamma u l-ġestjoni tar-riservi barranin uffiċjali tal-Istati Membri bis-saħħa tal-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat. B'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

**1. Osservazzjonijiet ġenerali**

- 1.1. Il-BĊE jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tkompli ttejjeb il-konsistenza, il-kwalità u l-armonizzazzjoni tal-istatistika Ewropea tan-negozju, b'mod partikolari billi tiġi pprovduta statistika adattata biex tiffirma u timmonitorja politiki tal-Unjoni li jaffettwaw lin-negozji, filwaqt li żżomm il-piż tar-rapportar fuq dawn in-negozji għal minimu.
- 1.2. Ir-risposta prevista għal rekwiżiti ta' dejta pendenti hija wkoll milqugħa ħafna. Il-BĊE bi pjaċir jinnotta t-titjib propost, fid-disponibbiltà ġenerali ta' informazzjoni għas-settur tas-servizzi fil-kuntest ta' "statistika għal żmien qasir", partikolarment peress li l-frekwenza tal-għoti ta' dejta bħal din għandha tiżdied minn kull tliet xhur għal kull xahar. Dan it-titjib jirrifletti r-rilevanza addizzjonali tal-industriji tas-servizzi, li issa jammontaw għal aktar minn żewġ terzi tal-prodott domestiku gross taż-żona tal-euro. Jirrispondi tajjeb ukoll għar-rekwiżiti tal-BĊE<sup>(3)</sup>, li ġew espressi matul l-aħħar żmien, u għall-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiki u Finanzjarji<sup>(4)</sup>.
- 1.3. Il-BĊE jipproponi li r-Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku<sup>(5)</sup>, li tikkonċerna l-għeluq ta' lakuni fid-dejta tal-proprjetà immobbli, għandha tkun riflessa fid-dejta tal-kostruzzjoni meħtieġa u t-tqassim tagħha. B'mod partikolari, id-dejta dwar il-bidu u t-tlestija tal-kostruzzjoni kif ukoll ir-rati ta' postijiet battala għandhom jitqiesu għall-inklużjoni fir-regolament propost.

(1) COM (2017) 114 finali. Il-miżuri stabbiliti fir-regolament propost huma maħsuba biex jissostitwixxu dawk li jinsabu fl-għaxar atti legali li se jiġu mħassra, li huma elenkati fil-premessa 36 tar-regolament propost.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 Novembru 1998 dwar il-għbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23).

(3) Analiżi tar-rekwiżiti fil-qasam tal-Istatistika Ekonomika Ġenerali, il-Bank Ċentrali Ewropew, 2004, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fuq [www.ecb.europa.eu](http://www.ecb.europa.eu)

(4) Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istatistika tal-UE, l-2972 laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiki u Finanzjarji, Brussell, 10 ta' Novembru 2009, disponibbli fuq [www.consilium.europa.eu](http://www.consilium.europa.eu)

(5) Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-dejta dwar il-proprjetà immobbli (ĠU C 31, 31.1.2017, p. 1).

- 1.4. L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jalloka lill-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), il-kompitu li jiġbor informazzjoni dwar *inter alia* statistika BOP u pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali (IIP), jew minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament minn aġenti ekonomiċi. Ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-BĊE huma stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2011/23 tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(1)</sup>.
- 1.5. L-istatistika tal-BOP u tal-IIP hija kruċjali għat-twettiq tal-kompiti bażiċi tal-SEBĊ skont it-Trattat għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni, it-twettiq ta' operazzjonijiet ta' kambju barrani u ż-żamma u l-ġestjoni ta' riżervi barranin uffiċjali tal-Istati Membri. Huma jappoġġaw ukoll l-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltajiet esterni u l-interkonnnessjoni għal skopijiet ta' stabbiltà finanzjarja u huma użati fl-indikaturi tat-"tabella tar-riskju" tal-Bord Ewropew ta' Riskju Sistemiku (BERS) skont il-kompiti tal-BERS taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u tat-"tabella ta' punteġġ" tal-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>. L-istatistika tal-BOP u tal-IIP hija parti mill-"Istandard Speċjali tad-Disseminazzjoni tad-Dejta" tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u hija meħtieġa għall-"konsultazzjonijiet tal-Artikolu IV" imwettqa miż-żona tal-euro u l-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu IV tal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali.
- 1.6. Il-BĊE jinnota li xi wħud mir-rekwiżiti li għandhom jiġu inklużi fir-regolament propost, b'mod partikolari l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali trimestrali fis-servizzi (ITS), bħalissa huma ddefiniti fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> u li rekwiżiti identiċi huma ddefiniti fit-Tabella 2 tal-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2011/23. Huwa fl-interess tal-kwalità ġenerali tal-istatistika Ewropea tal-BOP u l-IIP prodotta mis-Sistema Statistika Ewropea (ESS) u s-SEBĊ li tinżamm tali konsistenza. Huwa wkoll tal-akbar importanza li l-istatistika tal-BOP u tal-IIP tibqa' internament koerenti u komprensiva.
- 1.7. Barra minn hekk, peress li dawn ir-rekwiżiti huma parzjalment sodisfatti flivell nazzjonali minn inizjattivi ta' ġbir ta' dejta żviluppata mill-BĊNi, il-BĊE jilqa' b'ħafna sodisfazzjon l-Artikolu 23 tar-regolament propost u r-rwol assenjat lill-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit mid-Deċiżjoni 2006/856/KE <sup>(5)</sup>. B'mod aktar ġenerali, għandha tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn is-SEBĊ u l-ESS meta jiġu ddefiniti, emendati jew aġġornati rekwiżiti bħal dawn, kif ukoll ir-rekwiżiti l-oħra kollha dwar l-istatistika tan-negozju (pereżempju biex jindirizzaw bżonnijiet ta' dejta fil-qasam tal-'globalizzazzjoni') li direttament jew indirettament jaffettwaw il-kumpilazzjoni ta' statistika tal-BOP u tal-IIP.
- 1.8. *Setgħat ta' implimentazzjoni għad-definizzjoni preċiża tar-rekwiżiti tad-dejta*

L-Artikolu 7 tar-regolament propost jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li tispeċifika aktar ċerti elementi tad-dejta li għandha tiġi trażmessa. Dawn jinkludu aspetti metodoloġiċi fundamentali, bħad-definizzjoni tal-unità statistika rilevanti u klassifikazzjonijiet statistiċi oħra applikabbli. F'dan il-kuntest, mill-perspettiva kemm tal-utenti kif ukoll tal-kompilaturi tal-istatistika, se jkun importanti li tiġi żgurata koerenza bejn ir-rekwiżiti tal-ITS iddefiniti fir-regolament propost u dawk iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 184/2005. Għalhekk, il-BĊE jixtieq jenfasizza l-importanza tal-qrubija metodoloġika u l-koerenza bejn iż-żewġ settijiet tad-dejta.

- 1.9. Fl-aħħarnett, il-BĊE jixtieq jenfasizza l-importanza li l-BĊE jiġi kkonsultat dwar l-atti legali delegati u implimentattivi kollha li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu, u b'mod tempestiv, bis-saħħa tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(4) u l-Artikolu 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea <sup>(6)</sup>.

<sup>(1)</sup> Linja Gwida BĊE/2011/23 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi Kumitat dwar l-istatistika monetarja, finanzjarja u tal-bilanċ tal-pagamenti ((ĠU L 335M 13.12.2008, p. 530).

<sup>(6)</sup> Ara, pereżempju, il-paragrafu 4 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2012/5 (ĠU C 105, 11.4.2012, p. 1); para. 8 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2011/44 (ĠU C 203, 9.7.2011, p. 3); u para. 4 tal-Opinjoni tal-BĊE/2011/42 (ĠU C 159, 28.5.2011, p. 10).

## 2. Osservazzjonijiet tekniċi u proposti ta' abbozzar

Meta l-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, qed jiġu stipulati proposti speċifiċi tal-abbozzar f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test spjegattiv għal dan il-għan. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fis-sit elettroniku tal-BĊE.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Jannar 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

It-28 ta' Frar 2018

(2018/C 77/04)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2214	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5608
JPY	Yen Ġappuniż	130,72	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,5595
DKK	Krona Daniża	7,4465	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6905
GBP	Lira Sterlina	0,88415	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6162
SEK	Krona Żvediża	10,0923	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 320,25
CHF	Frank Żvizzeru	1,1520	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,3677
ISK	Krona İzlandiża	123,70	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,7285
NOK	Krona Norveġiża	9,6153	HRK	Kuna Kroata	7,4505
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 793,03
CZK	Krona Ċeka	25,418	MYR	Ringgit Malajjan	4,7930
HUF	Forint Ungeriż	313,93	PHP	Peso Filippin	63,641
PLN	Zloty Pollakk	4,1781	RUB	Rouble Russu	68,7540
RON	Leu Rumun	4,6630	THB	Baht Tajlandiż	38,389
TRY	Lira Turka	4,6451	BRL	Real Brażiljan	3,9615
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5637	MXN	Peso Messikan	22,9437
			INR	Rupi Indjan	79,6230

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8806 — Richemont/Yoox Net-a-Porter Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 77/05)

1. Fit-23 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Compagnie financière Richemont SA ("Richemont", l-Iżvizzera),
- RLG Italia Holding SpA ("Bidco", l-Italja), ikkontrollata minn Richemont, u
- YOOX Net-a-Porter Group SpA ("YNAP", l-Italja).

Richemont (permezz ta' Bidco) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll YNAP kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-22 ta' Jannar 2018.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Richemont hija kumpanija azzjonarja bbażata fl-Iżvizzera għal firxa ta' oġġetti ta' lussu għall-konsumaturi u negozji. Permezz tad-diversi Maisons, Richemont hija attiva fid-disinn, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' oġġetti ta' lussu.
- YNAP hija bejjiegħ bl-imnut online ta' oġġetti ta' lussu tal-konsum, ikkwotata fil-Mercato Telematico Azionario ġestit mill-Borsa Italiana SpA, il-Borża ta' Milan.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8806 — Richemont/Yoox Net-a-Porter Group

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: [COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu](mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu)

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.8821 — Advent International/Circet Groupe)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2018/C 77/06)

1. Fit-22 ta' Frar 2018 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Circet Groupe ("Circet", Franza), permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - Advent: investitur ta' ekwità privata bbażat fl-Istati Uniti tal-Amerika li tiffinanzja fondi li jinvestu mad-dinja kollha.
  - Circet: kumpanija Franċiża ta' daqs medju li taħdem fis-servizzi tal-infrastrutturi tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll fid-distribuzzjoni ta' prodotti u ta' servizzi tat-telefonija mobbli, permezz tar-Réseaux Circet affiljati tagħha.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-l-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8821 — Advent International/Circet Groupe, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**